# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D

## Seduta tal-lum l-Erbgħa 24 ta' April, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1069/2013 MH**

**Numru:**

**Jason Pisani**

**vs**

**Kunsill Lokali tal-Belt Valletta**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat** ta' Jason Pisani tat-8 ta' Novembru, 2013 permezz ta' liema premetta u talab -

*"1.Illi r-rikorrent huwa propjetarju tal-fond 20, Fountain Street, Valletta.*

*2.Illi l-Kunsill intimat stalla xibka tal-hadid quddiem il-blokka minfejn jghaddi l-ilma tax-xita, liema bokka tinsab f'Fountain Street, Valletta.*

*3.Illi nhar it-3 ta' Settembru 2012 ghamlet maltempata u minhabba l-imsemmija xibka faret it-triq bl-ilma, bil-konsegwenza illi gherqu id-dar propjeta' ta' l-attur u cioe 20, Fountain Street, Valletta u kif ukoll vettura tal-marka VW Passat bin-numru ta' registrazzjoni KBM 975 propjeta' ta' l-attur ukoll.*

*4. konsegwenza ta' dan l-attur sofra danni kemm f'persuntu, kif ukoll fil-vettura in kwistjoni li giet dikjarata "beyond economical repair" u fil-mobbli u equipment li kellu fid-dar.*

*5.Illi l-Kunsill konvenut gie debitament interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2013 sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni izda inutilment.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha;*

*1.Tiddikjara illi a kawza ta' agir tal-Kunsill konvenut meta dan istalla xibka tal-hadid quddiem il-bokka minfejn jghaddi l-ilma tax-xita, liema bokka tinsab f'Fountain Street, Valletta, waqt il-maltempata ta' nhar it-3 ta' Settembru 2012, l-attur sofra danni, kemm f'persuntu, kemm fid-dar propjeta' tieghu 20, Fountain Street, Valletta u kif ukoll fil-vettura propjeta' tieghu tal-marka VW Passat bin-numru tar-registrazzjoni KBM 975.*

*2.Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, occorendo permezz ta' periti nominandi.*

*3.Tordna lill-konvenuti ihallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2013 u l-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni."*

Rat **ir-risposta ġuramentata** tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta tal-20 ta' Diċembru, 2013 permezz ta' liema ressaq dawn l-eċċezzjonijiet[1];

*"1. Illi in linea preliminari jekk ir-rikorrent huwa mizzewweg, il-konjugi tieghu kellha tkun parti ukoll bhala rikorrenti f'dawn il-proceduri*

*2. Illi in linea preliminari r-rikors li gie pprezentat m'huwiex mahluf skont il-Ligi bil-konsegwenza li huwa irritu u null, u ghandu jigi michud bl-ispejjez*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u relattivament ghall-ewwel talba, din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-Kunsill intimat mhux responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent*

*4. Illi jsegwi illi relattivament ghat-tieni talba ghandha tigi similarment michuda bl-ispejjez stante illi ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-istess intimat*

*5. Illi jsegwi relattivament ghat-tieni talba din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni li ghalihom il-Kunsill intimat ghandu jigu kundannat li jhallas*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sinistru lamentat mir-rikorrent jikkostitwixxi force majeure ta' natura naturali li ghaliha zgur mhux responsabbli l-Kunsill intimat. Dakinhar tal-incident kienu okkorrew zewg maltempati ta' natura straordinarja li holqu l-allegat incident. Il-gradilja lamentata mir-rikorrent giet installata fuq ordni tal-istess rikorrent ferm qabel l-akkadut bhala*

[1] Fol 11 et seq

*mizura ta' sigurta' sia ghall-istess rikorrent u sia tal-familja tieghu u tal-girien tal-akkwati.*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent irid jaghmel il-prova tad-danni allegatament lilu kagunati. Ikun opportun illi r-rikorrent jipprezenta lista u dokumentazzjoni relattiva biex jissodisfa u jikkorobora l-allegati danni lilu kagunati inkluz l-akkwist tal-materjal tat-teknologija informatika u telf fil-valur tal-vettura.*

*Illi d-dikjaranti jafu bil-fatti kif esposti sia personalment u sia minn informazzjoni u/jew dokumentazzjoni lilhom moghtija u/jew disponibbli.*

*B'riserva ta' risposti ulterjuri."*

Rat il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet magħmula.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku nkarigat minnha Dr Martin Bajada.

Rat li l-kawża tħalliet illum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tillikwida u tordna l-ħlas tad-danni allegatament kawżati lilu f'persuntu, fid-dar tiegħu u fil-vettura tiegħu ġewwa Fountain Street, Valletta waqt maltempata li seħħet fit-3 ta' Settembru 2012. Dan b'konsegwenza tal-fatt li nstaddet xibka tal-ħadid quddiem

il-bokka minfejn jgħaddi l-ilma tax-xita u li kienet installata mill-Kunsill konvenut.
Minn naħa tiegħu l-Kunsill jirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sintetikament, il-fatti li taw lok għall-kawża jirriżultaw li huma dawn:

i. L-attur jgħix flimkien mas-sieħba tiegħu f'residenza f'Fountain Street, Valletta. Faċċata tal-bieb tagħhom hemm bokka tal-ilma li sservi bħala l-unika ħruġ għall-ilma mit-triq tagħhom;

ii. Quddiem din il-bokka kien hemm grada b'vireg orizzontali u mbegħdin minn xulxin. L-ilma kellu biżżejjed spazju biex jiskula u għalhekk matul is-snin ma kienx hemm problemi speċjalment meta kienet tagħmel kwantita' ta' xita;

iii. Għall-ħabta ta' Mejju/Ġunju 2012 ħaddiema nkarigati mill-Kunsill Lokal konvenut waħħlu xibka quddiem din il-grada b'dana li t-toqob li minnhom seta' jgħaddi l-ilma mill-bokka ċkienu sew;

iv. Fit-3 ta' Settembru 2012 seħħet maltempata fejn matul il-jum u anke matul il-lejl għamlet kwantita' konsiderevoli ta' xita. Għal ħabta ta' 3.30am l-attur u s-sieħba tiegħu ndunaw li ħafna ilma kien dieħel fid-dar;

v. L-attur xehed li niżel isfel u dak il-ħin faqqa' d-dawl u ntefa;

vi. L-attur induna li l-bokka li kien hemm faċċata tar-residenza kienet instaddet bil-konsegwenza l-ilma ma kienx qiegħed ilaħħaq jiskula. L-attur irnexxielu joħroġ barra, għadda minn ġol-ilmijiet u mar lejn il-bokka bil-għan li jtajjar il-

bolt li kien qed iżomm f'postha x-xibka li kien hemm quddiem l-istess bokka u dan permezz ta' mannarett li kellu;

vii. F'dak il-waqt marru jgħinuh ħuh Jody Pisani, il-ġar Jean Carl Gauci u ibnu Joslin Gauci;

viii. L-attur beda jagħti bil-mannarett fuq il-grada li kellha ħafna ħmieġ imwaħħal magħha. Dan kien ħmieġ li kien inġarr mill-ilma tax-xita u li minħabba fih l-ilma bilkemm kien qiegħed jgħaddi mill-bokka;

ix. Malli rnexxielhom jillivaw ftit il-grada l-ilma beda jgħaddi b'aktar ħeffa. Wara aktar tentattivi il-grada ċediet u nfetħet u l-ilma beda nieżel b'ħeffa kbira;

x. Sadanittant l-attur induna li l-vettura tiegħu tal-marka VW Passat tal-2007 li kien xtraha tmien xhur qabel għall-prezz ta' €13,500 kienet ġiet merfugħa mill-ilma minn fejn kienet ipparkjata viċin il-bieb tad-dar. Il-vettura bdiet iddur u ġarrbet tant ħsarat li s-soċjeta' assikurattiva Atlas Insurance iddikjarawha *beyond economical repair* u tawh €10,000 tagħha;

xi. L-attur xehed li apparti l-vettura msemmija, huwa sofra ħsarat oħra minħabba l-ilma li daħallu fil-*box room* li għandu isfel u li fih kellu apparat tal-kompjuter - għax kien jaħdem fihom – inkluż tlett servers u oġġetti oħra li ġarrbu ħsarat konsiderevoli;

xii. Wara li għaddiet il-maltempata l-attur ċempel lill-Kunsill Lokali biex jinfurmahom b'dak li ġara. Aċċeda fuq il-post John Griffiths, il-kordinatur tax-xogħlijiet tal-Kunsill. Huwa kkonstata li mal-ħajt kien hemm il-gradilja li xi ħadd kien ipprova jaqla' għalkemm f'dak il-ħin huwa ma rax materjal imwaħħal magħha;

xii. Meta Griffiths daħal fid-dar tal-attur huwa nnota li kien hemm l-ilma fl-art u l-post kien mudlam għax id-dawl kien għadu maqtugħ;

xiii. Saru taħdidiet bejn l-attur u l-Kunsill konvenut fejn huwa ressaq talba għall-ħlas tad-danni li huwa sofra. Il-Kunsill qatt m'aċċetta responsabilta' għax skont ma xehdu r-rappreżentanti tiegħu, partikolarment is-Segretarja Eżekuttiva Gabriella Agius, ix-xibka ta' quddiem il-grada twaħħlet fuq talba tal-attur stess, il-maltempata tat-3 ta' Settembru 2012 kienet waħda ta' natura straordinarja li ħalliet effett fuq il-gżejjer maltin kollha u wkoll it-triq u l-ambjent fejn hija sitwata r-residenza tal-attur mhijiex idonea għal żona residenzjali għax qegħdin f'niżla u faċċata tas-sur;

xiv. In vista tat-talba li saret mill-attur lill-Kunsill Lokali, is-soċjeta' assikuratriċi tal-istess Kunsill Citadel Insurance plc inkarigat lis-soċjeta' Resolve Consulting Ltd sabiex tinvestiga tali talba. Rappreżentanti ta' din is-soċjeta' għamlu laqgħa mal-partijiet konċernati u anke aċċess fir-residenza tal-attur. Resolve Consulting Ltd ħejjiet rapport preliminari b'rabta ma' dan[2];

xv. L-attur għamel ukoll rapport mal-Pulizija dwar dak li seħħ[3];

xvi. Peress li l-attur u l-Kunsill konvenut baqgħu ma waslu għal ebda ftehim amikevoli, l-attur intavola l-kawża odjerna.

## A. <u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>

**Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali** jirrileva li jekk l-attur huwa miżżewweġ, il-konjuġi tiegħu kellha tkun parti mill-proċeduri odjerni.

[2] Fol 74 et seq
[3] Fol 147 et seq

Din l-eċċezzjoni hija sorvolata stante li kif irriżulta mill-provi l-attur, għalkemm jgħix fil-fond mertu tal-kawża flimkien mas-sieħba tiegħu, mhuwhiex miżżeweġ.

**Il-Qorti għalhekk sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.**

**Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali** ġie sollevat il-punt li r-rikors promotur mhuwiex maħluf skont il-liġi u per konsegwenza huwa irritu u null u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

Din l-eċċezzjoni hija fiergħa stante li kif jirriżulta bl-aktar mod inekwivoku mill-atti, l-attur ħalef bil-ġurament tiegħu ir-rikors promotur dakinhar stess tal-preżentata tiegħu fit-8 ta' Novembru 2013. It-timbru a fol 3 tal-proċess huwa prova ta' dan.

**Din l-eċċezzjoni hija miċħuda.**

**B. <u>MERTU</u>**

***<u>Responsabbilta' għall-akkadut</u>***

**Fl-ewwel talba** tiegħu l-attur qed jitlob lill-Qorti tattribwixxi r-responsabbilta' ta' dak li seħħ fuq il-Kunsill konvenut minħabba x-xibka tal-ħadid li nstalla quddiem il-bokka tal-ilma faċċata tar-residenza tiegħu u li minħabba fiha meta seħħet il-maltempata tal-2012, instaddet l-istess bokka bil-konsegwenzi kollha li ġew elenkati aktar 'il fuq.

Minn naħa tiegħu l-Kunsill konvenut jirribatti li huwa mhuwhiex responsabbli għad-danni subiti mill-attur u kwindi m'hemm ebda danni x'jiġi likwidati. Bla

preġudizzju għal dan isostni li s-sinistru lamentat mill-attur jikkostitwixxi *force majeure* li ghaliha żgur mhux responsabbli l-istess Kunsill. Jirrileva li dakinhar tal-inċident kienu seħħew żewġ maltempati ta' natura straordinarja li ħolqu l-allegat inċident. Inoltre l-gradilja li dwarha qed jilmenta l-attur ġiet installata fuq ordni tiegħu stess ferm qabel l-akkadut bħala miżura ta' sigurta' għalih u l-familja tiegħu u għall-ġirien tal-akkwati.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Huwa paċifiku li nhar it-3 ta' Settembru 2012 seħħet maltempata qawwija fuq il-gżejjer Maltin. Kif ikkonferma anke Brian Micallef, rappreżentant tal-Uffiċċju Meterjoloġiku[4], dakinhar kien hemm maltempati bir-ragħad matul il-jum kollu, iriħat qawwija u niżlet kwantita' sostanzjali ta' xita[5]. Pero' huwa semma wkoll f'dawk iż-żminijiet tas-sena u ċioe' minn Awwissu sa Novembru, minħabba l-bdil tat-temp, huwa normali li jkun hemm dawn it-tip ta' maltempati;

2. L-artikolu 1029 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk –

*"Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu u tiġri l-hsara;"*

3. Kif inhuwa kristalizzat fil-ġurisprudenza, il-forza maġġuri hija tali li wieħed impossibbli jirreżisti għaliha. Jispetta lill-Kunsill konvenut li jressaq tali prova, u sabiex tirnexxi d-difiża tiegħu huwa kien jeħtieġlu jipprova kemm l-element tal-imprevedibilita' kif ukoll li ma kienx hemm il-fattur kontributorju minn naħa tiegħu b'nuqqas ta' eżerċizzju tad-diliġenza ta' *bonus pater familias*;

[4] Fol 125 et seq

[5] L-uffiċċju meterjoloġiku kellu rekords biss tal-ammont ta' xita li niżlet fuq Ħal-Luqa.

4. Issir referenza għal dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fil-każ **TEC Limited vs Esron Mifsud deċiż fit-12 ta' Marzu 2024 -**

*"25. In tema legali dwar l-eċċezzjoni ta' 'force majeure' u tal-każ fortuwitu fil-kuntest ta' maltempata ssir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Michael Mizzi v. Joseph Paris*** *mogħtija fis-27 ta' Marzu 2009 fejn jingħad kif ġej:*

*"Skond il-Ligi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, kull hsara li tigri b`accident jew b`forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara. F`kazijiet bhal dawn min jallega li dak li gara kien dovut minhabba forza magguri, jew casus ghandu l-obbligu li jippruvah u dana sal-grad ta` probabilita`. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta` ordinarja diligenza. Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Ghalhekk skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b`mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias. Din il-prevedibilita` trid tkun ta` probabilitajiet ragionevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p. 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)". L-eccezzjoni ta` force majeure tirnexxi biss f`kundizzjoni ta` inevitabbilita`."*

*26. Il-Qorti tikkunsidra illi huwa minnu illi l-ħsara seħħet waqt maltempata qawwija ħafna li f'ħinijiet minnhom anke żviluppat tromba tal-arja. Huwa minnu*

*wkoll illi l-uffiċjal mill-uffiċċju meterjoloġiku xehed li fis-7 ta' Novembru 2017 kien hemm tromba u riħ qawwi, ta' 64 knots li ma kinitx normali għal Malta u ma setgħetx tiġi antiċipata. Però, kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellant, l-Ewwel Qorti ma skartatx l-akkadut iżda irriteniet li kien obbligu ta' Mifsud li meta installa t-tined inkwistjoni jorbothom mill-ewwel mal-art. Din il-Qorti taqbel pjenament mal-Ewwel Qorti fir-rigward. Li ser tifforma tromba tal-arja ħadd ma antiċipa. Però li fix-xahar ta' Novembru sseħħ maltempata qawwija hija prevedibbli. L-appellant Mifsud naqas pereżempju milli jressaq il-prova tal-previżżjonijiet tat-temp għal dawk il-ġranet.*

*27. Għalkemm in sostenn ta' dan l-aggravju tiegħu l-appellant Mifsud jistrieħ fuq ix-xhieda ta' Joseph Sciavone mill-uffiċċju meteoroloġiku meta xehed illi tromba tar-rih kellha saħħa ta' 68 knots li diffiċli tantiċipa, jirriżulta illi l-istess xhud spjega illi huwa "normali" li f'dak iż-żmien tas-sena r-riħ ikollu buffuri ta' ċirca 55 knots. Isegwi minn dan illi riħ ta' qawwa ta' 55 knots huwa "komuni" għax-xahar ta' Novembru u li allura l-appellant seta' jipprevedi illi jekk mhux ser jorbot mill-ewwel it-tined li kien waqqaf kien hemm possibilità li jekk iqum ir-riħ dawn kienu ser jittajru anke jekk ma jkunx hemm tromba tal-arja. M'għandux raġun għalhekk l-appellant meta jissottometti illi "wieħed ma jistax jgħid li dan it-tip ta' maltemp kien daqshekk faċilment prevedibbli". Il-liġi ma taddossax ir-responsabbiltà meta l-akkadut kien "faċilment" prevedibbli kif qed jippretendi l-appellant; iżda meta fil-kors normali tal-ħajja u bl-attenzjoni tal-bonus paterfamilias seta' jiġi antiċipat li dak li seħħ seta' jseħħ. Il-provi juru illi fix-xahar ta' Novembru riħ qawwa ta' 55 knots huwa "normali". Ma jidhirx li kienet b'kumbinazzjoni li l-konvenut ma ressaqx il-prova mill-uffiċċju meterjoloġiku dwar il-previżżjoni tat-temp f'dawk il-jiem. Fil-fatt skont it-taħrika tax-xhieda ppreżentata mill-istess appellant Mifsud fis-17 ta' Jannar 20173 huwa sejjaħ rappreżentant mill-Uffiċċju Meteoroloġiku "Sabiex jixhed u jipprovdi informazzjoni dwar kif kien it-temp hawn Malta bejn is-6 u t-8 ta' Novembru 2014*

*(iż-żewġ dati inklużi)". Il-konvenut Mifsud ma talab xejn aktar mill-uffiċċju meteoroloġiku.*

5. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tqis li bħala fatt, maltempati qawwija aktar min-normal huma prevedibbli u mistennija fil-perjodu li fih seħħ l-akkadut mertu tal-kawża;

6. Ma jirriżultax mill-provi li qabel l-episodju tat-3 ta' Settembru 2012 il-fond in kwistjoni jew proprjeta' oħra tal-attur jew ta' familjari tiegħu f'dik it-triq kienu sofrew xi danni simili kawżati mill-ilmijiet tax-xita. Għalkemm irriżulta li l-attur ma kienx ilu jgħix fil-fond għal żmien twil, madankollu l-istess fond (li huwa proprjeta' tal-Gvern) kien ilu okkupat minn familjari tiegħu b'kera għal circa erbgħin sena[6];

7. Ma jirriżultax lanqas li l-attur wera nuqqas ta' diliġenza ta' *bonus pater familias* li b'xi mod setgħet ikkawżat jew ikkontribwiet għall-ħsarat li huwa sofra. Kif xehed l-attur, il-fond residenzjali tiegħu kien għadu kemm irranġah[7] u allura meqjus li kien fi stat ta' manutenzjoni tajba u adegwat biex jilqa' għall-elementi. Għar-rigward tal-vettura, din kienet regolarment ipparkjata fit-triq. Oltre hekk żgur ma kienx jinkombi fuq l-attur li jassikgura lil gradilja/xibka tiġi ben mantenuta;

8. Għal dak li jirrigwarda r-responsabiltajiet tal-Kunsill Lokali konvenut, huwa ressaq xhieda bil-għan li jikkonvinċi lill-Qorti li qeda dmiru skont il-liġi u mhuwhiex responsabbli għad-danni lamentati mill-attur. Edward Agius, rappreżentant tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma xehed li bħala entita' jieħdu ħsieb li fejn ikun hemm *blockages* fid-drains minn naħa tal-Gvern, huma

[6] Xhieda tal-attur a fol 220 u rapport ta' Resolve Consulting Ltd a Fol 76
[7] Fol 220

jmorru u jnaddfu l-katusi. Pero' għal dawk li huma *culverts* jew gradilji fil-ġenb tat-triq biex jgħaddi l-ilma tax-xita, huma m'għandhomx x'jaqsmu[8]. Michael Saliba, rappreżentant tad-Direttorat tat-Tindif Pubbliku, xehed li skont il-kuntratt li kellhom mal-Kunsill Lokali konveut, huma kienu jikinsu diversi toroq tal-Belt Valletta, fosthom Triq il-Funtana, darba kuljum. Huma jikinsu biss il-wiċċ tat-triq u jekk ikun hemm *gutter*, jikinsu dak li hemm fil-wiċċ iżda mhux ġo fih. Nhar it-3 ta' Settembru 2012 ma sarx knis minħabba l-maltemp [9];

9. Fir-rapport preliminari ta' Resolve Consulting Limited[10], ingħad hekk b'referenza għar-responsabiltajiet tal-Kunsill konvenut ai termini tal-artikolu 33 tal-Kap 363 u l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif viġenti fl-epoka tal-akkadut –

*"The functions and responsibilities of the local council are outlines by article 33 of the Local Councils Act (Chapter 363 of the Laws of Malta).*

*The following sub-articles are of particular relevance to this loss;*

*33. (1) Subject to subarticle (2) and to the provisions of any other law for the time being in force, the functions of each Local Council shall be:*

*<u>(a) to provide for the upkeep and maintenance of, or improvements in, any street or footpath, not being privately owned</u>: Provided that maintenance in relation to any street or footpath includes the patching or resurfacing thereof, but does not include its reconstruction;*

[8] Fol 131 et seq
[9] Fol 150 et seq
[10] Fol 74 et seq

*<u>(g) protect the natural and urban environment of the locality</u> and take all the necessary measures to ensure the more efficient use of energy, good waste management and climate change initiatives;*

*The Insured advised that the rainwater culverts in Valletta are maintained under contract by Camray Company Ltd. We were advised that the roads are cleaned by the Council and domestic refuse is collected 7 days a week.*

*The above quoted article may be considered to be onerous on the Insured, however the Water Services Corporation Act (Chapter 355 of the Laws of Malta) establishes the Water Services Corporation as the party responsible for the provision and maintenance of stormwater run-offs:*

*"(2) Subject to the provisions of this Act and to any requirement provided under any other law, the Corporation may –*

*<u>(e) to provide as appropriate for the use of stormwater run-off from urban and rural areas;</u>*

*(3) Subject to the provisions of this Act, and to any requirement provided under any other law, <u>it shall be the duty of the Corporation –</u>*

*<u>(c) (i) to provide, improve and extend such a system of public sewers and to cleanse and maintain these sewers so as to ensure that the drainage system operates and continues to operate safely and effectively;</u>"*

*In our opinion the Insured has taken reasonable precautions to avoid a loss and the circumstances leading to the blockage of the storm drain were beyond their control.*

*In our opinion the Insured may have some grounds to defend their position."*

10. Għar-raġunijiet li ser jiġu elenkati, il-Qorti ma tikkonividix ma' din l-opinjoni preliminari appena kwotata;

11. Jiġi sottolineat li f'kawża għad-danni bħal dik odjerna, dak li jrid jiġi muri sabiex tirnexxi l-pretensjoni għall-ħlas ta' danni favur l-attur hija l-prova ta' ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża;

12. Ingħad hekk fil-każ **Maurice Hili vs Francis Attard et deċiż 26 ta' Frar 2019-**

"***RESPONSABILITA'***

*Fil-qasam tad-dritt ċivili fejn tidħol ir-responsabilita' akwiljana, l-prinċipju huwa li persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha. Ta' dan in-nuqqas trid tagħmel tajjeb għall-ħsara konsegwenzjali. Din wara kollox hija meqjusa bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabilita' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż.*

*Ġie affermat mill-qrati tagħna:*

*"Illi sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:*

*(1) il-fatt dannuż illeċitu;*

*(2) l-imputabbilita' tal-istess fatt għal min ikun għamlu;*

*(3) id-dannu ikkaġunat minn dan l-istess fatt u*

*(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu."*

*Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ppruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.*

*In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li "hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża." (kollez. Vol. XLIV P1 p.343)."*

13. Mill-assjem tal-provi mressqa, l-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-kawża li wasslet biex l-attur sofra danni fi ħwejġu la kienu l-ilmijiet tax-xita *per se*, la l-ħmieġ li nġarr minnhom u lanqas il-bokka tal-ilma. Fil-fatt mill-provi ntwera li matul is-snin, la l-familjari tal-attur ma għaddew minn esperjenzi simili waqt maltempati tipiċi bħal dik tat-3 ta' Settembru 2012 u lanqas il-familji ġirien li jgħixu f'dik it-triq;

14. Il-fattur li evidentement biddel ir-rotta ta' kif mill-bokka in kwistjoni jiskulaw l-ilmijiet tax-xita fi kwantitajiet voluminużi bil-ħmieġ kollu li jkaxkru magħhom, kien proprju t-twaħħil tax-xibka tal-ħadid installata mill-Kunsill konvenut ftit xhur qabel ma seħħ l-episodju mertu tal-kawża;

15. Fil-fatt, kif irriżulta kemm mix-xhieda tal-attur u kif ukoll mix-xhieda tal-ġirien li assistewh, u anke mir-ritratti esebiti, it-toqob tax-xibka tal-ħadid kienu wisq żgħar biex jippermettu l-ilmijiet tax-xita b'dik il-kwantita' u bil-ħmieġ li kaxkru sabiex jgħaddu għal ġol-bokka. Kien għalhekk li ġie kkawżat sadd quddiem il-bokka tal-ilma bil-konsegwenza li l-livelli tal-ilma fit-triq bdew jogħlew b'ritmu allarmanti b'dana li kien hemm ingress sostanzjali ta' ilma fir-residenza tal-attur kif ukoll għerqet il-vettura tiegħu wara li din bdiet tinġarr mill-ilmijiet;

16. Tant hu minnu li l-kawża ta' dak li seħħ huwa din ix-xibka tal-ħadid li malli l-attur u l-persuni li għenuh irnexxielhom jelevaw ftit din ix-xibka, l-ilmijiet bdew

jiskulaw b'aktar ħeffa. U malli x-xibka ċediet u allura ma baqgħetx isservi ta' ostaklu, l-ilma beda jiskula b'ritmu kbir u mgħaġġel ħafna;

17. Inoltre, kif xehed ukoll b'mod mhux kontradett l-attur, minn dakinhar ovvjament kien hemm okkażjonijiet oħra ta' maltempati kbar iżda peress li x-xibka tal-ħadid in kwistjoni ma reġgħet qatt twaħħlet quddiem il-bokka, qatt ma reġgħu żviluppaw problemi oħra bl-ilmijiet tax-xita;

18. **Il-Kunsill konvenut għandu għalhekk iġorr ir-responsabilta' sħiħa għad-danni subiti mill-attur;**

19. Il-Qorti tqis li ebda waħda mill-linji difensjonali tal-Kunsill konvenut ma tiskolpah jew timmitiga r-responsabilta' tiegħu kif appena deċiż;

20. Id-difiża tal-*force majeure* ma tistax tirnexxi għax kif irriżulta, mhux biss il-maltempati qawwija bħal tat-3 ta' Settembru 2012 kienu prevedibbli f'dak il-perjodu iżda fuq kollox kien l-intervent dirett tal-Kunsill li wassal għas-sinistru lamentat. Fiċ-ċirkustanzi ċertament li l-Kunsill konvenut naqas milli juża d-diliġenza ta' *bonus paterfamilias* meta l-ilqugħ li waħħal quddiem il-gradilja u l-bokka tal-ilma ċertament ma jistax jitqies li kien idoneu u adattat. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-konsapevolezza tal-Kunsill li r-residenza tal-attur tinsab f'niżla u faċċata tas-sur[11] fejn allura l-istess Kunsill kien mistenni li jieħu dan il-fatt in kunsiderazzjoni fl-ippjanar u l-għażla tal-mudell tal-ilqugħ li kellu jitpoġġa quddiem il-gradilja u l-bokka tal-ilma. Infatti, kif saħqet ukoll il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd et deċiża fl-24 ta' April 2015 -**

[11] Xhieda ta' Gabriella Agius, segretarja eżekuttiva tal-Kunsill a fol 103

*"…. il-kunċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skont il-prinċipju tad-dritt biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-bonus paterfamilias."*

21. Il-Kunsill konvenut jwaħħal fil-konvenut għax fi kliemu x-xibka tal-ħadid in kwistjoni ġiet installata *"fuq ordni"* tal-attur. Argument bħal dan jirrażenta l-fieragħ oltre li huwa manifestament vessatorju. Fl-ewwel lok, ai termini tal-Kap 363 stess, il-Kunsilli Lokali huma korpi statutorji ta' gvern lokali b'personalità legali distinta u l-uniċi ordnijiet li jridu jimxu magħhom huma dawk imposti mill-leġislatur skont il-liġi;

22. Inoltre, il-fatt li l-attur, bħala ċittadin u residenti fil-Belt Valletta, kien ħa l-inizjattiva u avviċina rappreżentant tal-Kunsill sabiex kif qalet is-segretarja eżekuttiva tal-Kunsill stess Gabriella Agius *"talbu li jsir xi ħaġa minħabba li kien hemm perikolu li din it-toqba kienet nofsha mikxufa*[12]*"* m'għandux issa jintuża kontra l-istess attur;

23. Kif ingħad, jibqa' dejjem l-obbligu tal-Kunsill li - la rriżultat il-ħtieġa ta' miżura biex il-bokka tal-ilma in kwistjoni ma tkunx ta' periklu għal dawk l-inħawi - jara hu x'kienet l-aħjar soluzzjoni fiċ-ċirkustanzi. Kien jinkombi fuq il-Kunsill, u fuqu biss, li jevalwa liema kien l-aħjar tip u għamla ta' lqugħ li seta' jelimina l-periklu mingħajr ma jikkomprometti l-funzjoni tal-bokka li sservi bħala punt ta' skular tal-ilmijiet mit-triq;

[12] Fol 260

24. Fieragħ ukoll huwa l-argument tal-Kunsill tramite x-xhieda ta' Gabriella Agius meta qalet li *"Fejn allegatament jirrisjedu r-rikorrenti 'ictu oculi' il-post mhux qiegħed f'area residenzjali. L-istess triq u ambjent ma humhiex idonei għar-residenza. Il-konfigurazzjoni tal-istess triq ma jagħtix lok għal fond ta' okkupazzjoni*[13]*."* Mill-provi rriżulta li hemm aktar minn familja waħda li tgħix f'dik it-triq u ma hemm ebda ġustifikazzjoni għall-Kunsill sabiex jonqos minn dmirijietu lejhom bl-istess mod li jaqdi dmirijietu lejn ir-residenti l-oħra kollha tal-Belt Valletta.

**Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament kif fuq ingħad. Pero' la ma tressqu ebda provi mill-attur dwar danni subiti fuq persuntu, dik il-parti tat-talba ser tiġi miċħuda.**

**Fiċ-ċirkustanzi ser tiċħad l-eċċezzjoni numru tlieta tal-Kunsill konvenut ħlief safejn marbuta mat-talba dwar danni fuq il-persuna tal-attur u ser tiċħad ukoll is-sitt eċċezzjoni tiegħu.**

***Likwidazzjoni u ħlas ta' danni***

**Fit-tieni u t-tielet talba** l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li sofra kawża ta' dak li seħħ b'riżultat tal-aġir tal-Kunsill konvenut.

Il-Qorti tqis li ġjaladarba nstab li l-Kunsill konvenut għandu jġorr ir-responsabilta' sħiħa, allura dawn it-talbiet għandhom jintlaqgħu kif ser jingħad fil-kunsiderazzjonijiet segwenti.

---

[13] Fol 103

Fix-xhieda tiegħu l-attur qal li bl-ingress ta' ilma fil-kamra li għandu isfel fid-dar huwa sofra ħsarat fi tlett *servers* u kompjuter li huma marbutin max-xogħol tiegħu, affarijiet tal-kċina u oġġetti oħra. Spjega li huwa għandu aġenzija tas-sigurta' u toffri servizz t'investigazzjoni. Din il-kumpanija hija reġistrata mal-MFSA u għandha liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Mill-2011 sa qabel l-2014 din il-kumpanija kienet toffri servizz ta' nvestigazzjoni u sigurta' lill-Kunsill konvenut stess.

L-attur ma kellux a dispożizzjoni tiegħu l-irċevuti ta' meta kien xtara l-apparat li saritlu l-ħsara fl-inċident. Huwa kien kostrett jerġa' jixtri dan l-apparat minħabba x-xogħol tiegħu.

Fir-rigward tal-vettura, huwa kien xtraha għall-prezz ta' €13,500 u wara dak li ġara għamel claim mal-kumpanija assikurattiva tiegħu. Peress li l-vettura tqieset *'beyond economical repair'* huwa ngħata s-somma ta' €10,000. Ir-*wreck* tal-vettura ħaditu l-kumpanija assikurattiva tiegħu.

Fl-atti ġew esebiti diversi ritratti li juru l-ħsarat subiti kemm fil-fond u anke fil-vettura.

Permezz tal-prospett ta' danni preżentat mill-attur, huwa qiegħed jitlob dawn is-somom –

€6,419.20 – prezz tal-ewwel server (fol 19)
€5,357.20 - prezz tat-tieni server (fol 20)
€4,153 - prezz tat-tielet server (fol 21)
€3,000 – differenza bejn il-valur tal-vettura u r-riżarċiment li ngħata mill-kumpanija assikurattiva (riċevuta tax-xiri oriġinali tal-vettura annessa a fol 22)

Dawn l-erba' flimkien ma' oġġetti oħra ndikati a fol 23 et seq jammontaw għal €33,229.69

€830 – oġġetti skont tlett riċevuti annessi a fol 31 et seq

**TOTAL MITLUB - €34,059.69**

Il-Qorti nkarigat lil Dr Martin Bajada bħala espert tekniku sabiex jagħti deskrizzjoni tal-kompjuters li l-attur allega li xxarrbu fl-inċident li seħħ fit-3 ta' Settembru 2012 inkluż id-data tal-manifattura u *specifications*. Huwa ntalab jagħti wkoll stima ta' kemm jiswa l-apparat fis-sena 2012 kieku ma saritlux ħsara.

L-espert tekniku, filwaqt li ddeskriva dan l-apparat bħala *servers* mgħammra bi tmien *hard disk drives* kull *server*. L-apparat inxtara *second hand* mingħand kumpanija tal-*gaming*. Ikkonkluda li l-apparat in eżami kien fis-suq bejn Marzu 2007 u Novembru 2009 bl-*end of service life* (manifattura) 30 ta' Novembru 2009 u *end of service life* fit-30 ta' Novembru 2014. Il-valur ta' *refurbished unit* fis-sena 2012 inkluż it-tmien *hard disk drives* ġie stmat mill-perit tekniku bejn €1,590 u €1,380 skont il-kundizzjoni tar-*refurbished unit*. Għaldaqstant il-valur totali ta' tlett refurbished units huwa bejn €4,770 u €4,140.

Waqt is-seduta tat-8 ta' Frar 2023 il-partijiet iddikjaraw li ma kienx hemm ħtieġa ta' eskussjoni ta' Dr Martin Bajada.

Issir referenza għall-**artikolu 681 tal-Kap 12** jipprovdi hekk –

*"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha."*

Jiġi sottolineat li l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[14] -

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-*

[14] Rik 988/08

*konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("***Grima vs Mamo et noe***" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "***Cauchi vs Mercieca***" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "***Saliba vs Farrugia***" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "***Tabone vs Tabone et***" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "***Calleja noe vs Mifsud***" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `***Attard vs Tedesco et***` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "***Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et***" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("***Bugeja et vs Muscat et***" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dan kollu suespost isegwi li għalkemm Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta mill-Qorti biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet.

Hija l-fehma tal-Qorti li ma rriżulta xejn fil-konklużjonijiet raġġunti mill-perit tekniku nkarigat Dr Martin Bajada fir-relazzjoni peritali tiegħu li jirriżultawlha

bħala li mhumhiex korretti, ġusti u raġjonevoli jew li jmorru kontra l-konvinzjoni tagħha u għalhekk hija tiddeċiedi li tadotta u tagħmel tagħha tali konklużjonijiet.

Fid-dawl tas-suespost l-Qorti tqis li –

1. B'referenza għall-argument tal-Kunsill konvenut li l-attur ma jistax jitlob danni għax huwa mhuwhiex sid il-fond in kwistjoni, jiġi sottolineat li l-pretensjonijiet tal-istess attur huma marbuta mal-mobbli li kien hemm fid-dar u kwindi l-kwistjoni tat-titolu tiegħu fuq il-fond *per se* hija għal kollox immaterjali għall-fini tal-każ għalkemm mill-provi rriżulta li l-fond ilu għand il-familja tal-attur għal bosta snin b'kirja mingħand il-Gvern;

2. **Dwar il-pretensjoni tal-attur b'rabta mas-*servers***, il-Kunsill konvenut jargumenta li l-*loss adjusters* inkarigati minnu kellhom dubju sabiex jivvalidaw u/jew jissustanzjaw dan il-*claim* għax ma kinux jafu jekk kinux tiegħu jew le. Jiġi rilevat mill-Qorti pero' li l-prova li dawn is-*servers* kienu fil-fond waqt l-akkadut u li ġew danneġjati minħabba l-ingress tal-ilma tinsab fl-atti. Inoltre, l-attur xehed bil-ġurament li dawn kienu ġew mixtrija minnu anke jekk ma kellux aktar fil-pussess tiegħu l-irċevuti tagħhom. Il-Kunsill pero' jallega li dan l-apparat mhuwhiex proprjeta' tal-attur iżda tal-kumpanija li magħha kien impjegat. Madankollu din l-allegazzjoni ma ġiet sorretta minn ebda prova għax kif xehed Bernard Farrugia, direttur ta' Resolve Consulting Ltd, fl-investigazzjoni li saret minnhom huma qatt m'għamlu kuntatt ma' din il-kumpanija[15]. Fuq bażi ta' probabilta' għalhekk il-Qorti sejra tagħti kredibilita' lit-teżi tal-attur li s-servers kienu tiegħu.

Detto cio, jiġi nnutat li hemm distakk konsiderevoli bejn dak mitlub mill-attur skont l-istimi preżentati minnu għal *servers* ġodda u l-ammont stmat mill-perit tekniku għal *refurbished units*. Jiġi sottolineat li d-danneġġjat ghandu jaġixxi ta' *bonus paterfamilias* billi jagħmel dak kollu possibbli biex jimminimizza d-danni.

---

[15] Fol 59.

Naturalment dan l-obbligu huwa kontro-bilanċjat bil-fatt li huwa mhuwhiex obbligat jitgħabba b'piżijiet biex jimmitiga l-ħsara. Dawn il-prinċipji huma rassodati fil-ġurisprudenza fosthom fil-każ **Martin Degabriele vs Toninu Bartolo et deċiż fit-8 t'April 2016 –**

*"Fl-ewwel lok, jingħad li l-ġurisprudenza nostrali dwar danni hija rassodata bi prinċipji ben stabbiliti u kostanti. Fil-każ* ***Elmo Insurance Services Ltd vs Trevor Vassallo*** *deċiż 26 ta' Novembru 2003 –*

*"In propositu u in vena legali, il-Qorti tirrileva li, hu prinċipju stabbilit li "in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur għandu kemm jista' jkun jiġi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx kaġjonata l-ħsara" [App.Ċiv.* ***John Tufigno vs Joseph Micallef*** *noe. deċiż 23 ta' April 1965].*

*Inoltre, għalkemm id-danneġġjat għandu d-dmir li jagħmel dak kollu li hu raġjonevoli biex inaqqas il-ħsara u li jieħu l-miżuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, huwa mhuwiex obbligat li jitgħabba b'piżijiet biex jirriduċi l-ħsara. Dan il-prinċipju jinsab enunċjat fit-termini segwenti fil-Halsbury (Vol X) ċitat mill-Onor.Qorti tal-Appell fil-kawża* ***Mallia vs Moore*** *(deċiża 26 Novembru 1954 Vol. XXXVIII.I.249) ċitata fil-kawża App.Inf.John Xuereb vs James Edward Livick et (deċiża 3 Novembru 1956 Vol.XL.I.64): 'It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer".*

*"Valevoli dejjem li jiġi dejjem sottolineat illi r-regola għandha tkun illi d-dannu reklamat m'ghandux ikun sors ta' approfitar jew ta' lukru u l-miżura tar-*

*riżarċiment m'għandhiex tissupera l-interessi leżi. Ara "***Borg nomine et -vs Schembri***: Prim'Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Jannar,1965" "***Rita Sultana et -vs Antoine Colombo et***" *Appell Inferjuri, 19 ta' Frar, 2010. (L-ALFABETT tal-Kodiċi Ċivili per imħallef Philip Sciberras LL.D. Vol D paġna 179)*

*Illi "il-kwistjoni ta' x' inhu raġjonevoli li jagħmel id-danneġġjat biex jimmitiga l-ħsara hi kwistjoni ta' fatt li għandha tiġi konsiderata fiċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward speċifiku jaqa' fuq il-konvenut" [App.Ċiv.* ***Joseph Aquilina vs Emmanuele Schembri*** *(deċiża 24 ta' Jannar 1969 – Vide wkoll App.Inf.* ***Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs Paul Tabone*** *– 17 ta' Frar 2003)."*

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza u tenut kont li, kif irriżulta mir-rapport tal-perit tekniku Dr Martin Bajada, l-attur kien oriġinarjament xtara dan l-apparat *second hand* u mhux ġdid, **il-Qorti tqis li huwa ġust li takkorda ċ-ċifra totali ta' €4,500 għal dawn is-servers** bażata anke fuq il-konklużjonijiet tal-istess perit tekniku dwar il-valur tagħhom.

3. Dwar il-pretensjoni tal-attur b'rabta mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBM975, jirriżulta mill-kuntratt oriġinali ta' bejgħ li din kienet tiswa €13,500 u fil-prospett tiegħu huwa qed jitlob id-differenza ta' €3,000. Din is-somma hija €500 inqas minn dak indikat minnu fl-affidavit stante li milli xehed, huwa kien tilef €3,500 meta s-soċjeta' assikurattiva tiegħu tatu €10,000. Il-Qorti tqis li hawnhekk għandha tieħu in konsiderazzjoni l-fattur li l-vettura kienet ilha għand l-attur biss ftit xhur u għalhekk huwa m'għandux jiġi preġudikat b'mod sproporzjonat fid-danni akkordati lilu. Madankollu hemm ukoll il-fatt li l-Kunsill konvenut, bħala parti direttament affetwata mill-pretensjonijiet attriċi, qatt ma ngħata l-opportunita' li jinvolvi ruħu fi trattativi mas-soċjeta' assikurattiva tal-

attur bil-possibilita' li jġib kumpens ftit aħjar. **Għal dan il-għan il-Qorti se tnaqqas leġġerment il-kumpens fuq il-vettura li issa ser ikun fis-somma ta' €2,500.**

4. Dwar is-somma ta' €830 għal oġġetti li għalihom ġew provduti riċevuti l-Qorti tqis li fuq bażi ta' probabilta' din hija ġustifikata u **għalhekk ser takkorda s-somma ta' €830.**

5. Jifdal il-ħlasijiet pretiżi f'Dok E a fol 23. Minn din il-lista ser jitnaqqsu awtomatikament il-valuri ndikati għal *gaming servers* u għall-vettura li diġa' ġie akkordat kumpens għalihom. Fir-rigward tal-kumplament tal-elenku tal-oġġetti u l-valuri mogħtija minnhom mill-attur il-Qorti tqis minn banda waħda li kif jidher mir-ritratti esebiti u d-deskrizzjoni tagħhom fir-rapport preliminari ta' Resolve Consulting Ltd a fol 80 l-attur sofra ħsarat f'diversi oġġetti fosthom kollezzjoni ta' *text books* u camera tar-ritratti Canon EOS 400D. Oġġetti oħra li mir-ritratti jidhru danneġġjati mhumhiex kollha faċilment rikonoxxibbli. Madankollu l-Qorti ma tistax taqbad u taċċetta b'għajnejha magħluqa l-valuri mogħtija arbitrarjament mill-attur mingħajr prova almenu ta' stima tagħhom ħalli tkun tista' tasal għal ċifra dovuta. B'żieda ma' dan il-Qorti qed tinnota wkoll li fl-istess lista hemm oġġetti li jidher li huma nklużi wkoll fl-irċevuti a fol 31sa 33 fosthom *il-hairdryer, hair straightener* u *shavers* tal-irġiel u tan-nisa. **B'hekk fiċ-ċirkustanzi huwa ġust u ekwu li tingħata somma *arbitrio boni viri* li tkopri l-bqija tal-affarijiet danneġġjati fil-proprjeta' tal-attur, liema somma għandha tkun ta' €2,500.**

**TOTAL tad-danni likwidati huwa ta' €10,330.**

Għalhekk it-tieni u t-tielet talba ser jintlaqgħu kif ingħad filwaqt li għall-istess raġunijiet ser jiġu miċħuda l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Kunsill konvenut ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi -**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill konvenut filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż fis-sentenza;**

**2. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi kawża tal-aġir tal-Kunsill konvenut meta dan installa xibka tal-hadid quddiem il-bokka minfejn jghaddi l-ilma tax-xita, liema bokka tinsab f'Fountain Street, Valletta, waqt il-maltempata ta' nhar it-3 ta' Settembru 2012, l-attur sofra danni, kemm fid-dar propjeta' tieghu fl-istess triq u kif ukoll fil-vettura propjeta' tieghu tal-marka VW Passat bin-numru tar-registrazzjoni KBM 975. It-talba dwar danni subiti mill-attur f'persuntu sejra pero' tiġi miċħuda;**

**3. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur billi tillikwida s-somma ta' għaxart elef tlett mija u tletin Ewro (€10,330.00) bħala danni sofferti mill-attur u tordna lill-Kunsill konvenut iħallas tali somma lill-istess attur;**

**4. L-ispejjeż tal-kawża għandu jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill konvenut flimkien mal-imgħax legali li jibda jiddekorri mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**